MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 488/2004

**Reinhard Azzopardi
ID 198079(M)**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju,
Kunsill Lokali Siggiewi**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li bih l-attur talab il-hlas ta' elf mitejn u tletin lira Maltin (Lm1,230) rapprezentanti danni sofferti mill-attur meta l-karozza tieghu sofriet hsara estensiva bhala rizultat dirett tan-negligenza tal-Kunsill konvenut.

Ra r-Rapport ta' l-Ombudsman u d-dokumenti esebiti mill-attur.

Ra r-Risposta fejn il-Kunsill konvenut qal li fl-ewwel lok it-talba ta’ l-attur hija preskritta skond il-ligi.  Fit-tieni lok qal illi ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex dak pretiz mill-attur ma jaqax taht ir-responsabbilta’ ta’ l-istess Kunsill.  Fit-tielet u fir-raba’ lok il-Kunsill konvenut qal li l-pretensjonijiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u billi dana l-incident sehh unikament tort ta’ l-attur.

Il-Kunsill konvenut qal ukoll fl-ahhar lok illi l-iskavar tal-*culvert* fejn sehh l-incident ma sarx mill-istess konvenuti izda minn terzi, filwaqt li dan il-*culvert* ilu jezisti snin.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ l-attur fejn qal li kien ghaddej bil-lejl fit-triq li taghti mis-Siggiewi ghad-Dar tal-Providenza u hekk kif kien qed idur, sema’ hoss kbir min-naha ta’ wara tal-vettura u nqaleb go gandott kbir.  Jghid li dak il-hin kien ghaddej b’mhux iktar minn ghaxar (10) mili fis-siegha.

Fil-kontro-ezami jghid illi dakinhar kien qieghed fuq *navigation exercise* jigifieri kien qed jaghmel rotta ta’ *treasure hunt*.  Mieghu kien hemm Edward Seguna.  Jghid ukoll illi ma kellhomx *time limit* sabiex jesegwixxu dan l-ezercizzju u kien mar bil-lejl ghaliex ried jidra jaghmel dan it-tip ta’ sewqan bil-lejl.

Azzopardi jghid illi l-*main road* li taghti ghal din il-moghdija li dahal go fija tilwi mhux hazin u l-gandott kien magenb it-triq.

F’xhieda ohra ta’ Azzopardi jikkonferma li l-*area* fejn gara l-incident m’hemmx dawl ta’ l-Enemalta ghaliex dan gara fil-kampanja.  Jghid illi kien fuq prova ta’ *treasure hunt*.

Ra l-Affidavit ta’ John Vella li huwa s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi fejn jghid illi l-post ta’ l-incident kien passagg fil-kampanja li jintuza mill-bdiewa. Jikkonferma illi fejn inqaleb l-attur hi zona kompletament rurali u ma joqghod hadd.  Dawl tal-Gvern m’hemmx ghax huwa parti minn wied.  Jikkonferma illi fil-genb tal-passagg

fejn inqaleb l-attur hemm livell iehor li jservi ta' *water culvert* ghall-ilma tax-xita.

Jikkonferma wkoll illi l-Kunsill Lokali qatt ma kellu *complaints* li fejn gara l-incident kien post ta' periklu.

Vella jghid illi l-imsemmi *culvert* ma kienx mibni mill-Kunsill Lokali izda mill-Gvern.

Ra l-Affidavit tal-Perit Robert Musumeci li huwa s-Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi fejn jikkonferma li qal John Vella.

Ra x-xhieda tal-Perit Robert Musumeci.

Ra n-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-attur u tal-Kunsill konvenut.

**Ikkunsidra**

Li l-incident gara fil-lejl bejn l-l u t-2 ta' Dicembru, 2001. Il-kawza gietipprezentata fit-3 ta' Marzu, 2004.

Illi dwar il-preskrizzjoni l-Kunsill konvenut naqas li jsemmi l-Artikolu tal-ligi in kwistjoni. Illi huwa stabbilit li t-Tribunal ma jistax jikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jekk il-parti ma jindikax taht liema Artikolu qieghed jibbaza l-pretensjoni tieghu. Ghalhekk it-Tribunal bilfors irid jichad din l-eccezzjoni.

Illi fit-tieni eccezzjoni l-Kunsill konvenut jissottometti li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex il-Kunsill huwa responsabbli mill-*maintenance* ta' l-ucuh tat-toroq u cjoe' asfaltar u kull hsara jew nuqqas strutturali huwa responsabbilta' tal-Gvern. Illi fil-fatt l-Artikolu 33(1)(a) dwar il-Kunsill Lokali jipprovdi li kull Kunsill Lokali huwa responsabbli ghall-istat tajjeb u manutenzjoni ta' u titjib f'kull triq jew moghdija, sakemm din ma tkunx privata.

Illi ghalhekk it-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi fir-raba' eccezzjoni l-Kunsill konvenut qal li l-incident gara tort ta' l-attur.

Illi m'hemmx dubju li hu l-obbligu ta' l-attur li jara dak li hemm fit-triq u li jsuq b'attenzjoni specjalment jekk se jsuq fid-dlam, f'passagg fil-kampanja jew waqt li qed jaghmel *navigation exercise*. Min-naha l-ohra kien id-dover tal-Kunsill li jipprovdi toroq fi stat tajjeb. Jirrizulta mir-Rapport ta' l-Ombudsman li wara l-incident il-Kunsill ha l-passi necessarji.

Illi t-Tribunal mhux konvint li l-incident gara unikament ghax it-triq kienet perikoluza izda kien ukoll rizultat ta' nuqqas ta' l-attur.

Ghaldaqstant jiddikjara li z-zewg partijiet huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-Kunsill konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hmistax-il lira Maltin (Lm615). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------